IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1945

# IL-QAGHDA ȚAL-MALTI FL-ISTRUZZJONI ȚAL-PAJJIZ

*DAN l-aħħar smajna u qrajna ħafna għajdut fuq it-tagħlim u fuq l-edukazzjoni fil-Gżejjer tagħna. Bħalissa kulħadd moħħu fuq ir-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra u hawn ħafna li donnhom iridu jinqdew b'din ir-rikostruzzjoni mhux biss biex iġeddu t-tiġrif u t-tħarbit li ħalliet il-gwerra, imma biex jaqilbu jew jagħtu sura ġdida lil drawwiet jew xejriet li għalkemm qodma dejjem qdewna tajjeb u swewlna fil-ħajja ta' l-imgħoddi.*

*Aħna nixtiequ u nħabirku biex inġeddu dak li ġġarraf, hekk ukoll nixtiequ u rridu li dak li hawn ħażin fil-ħajja tagħna, jew dak li jżommna lura quddiem il-barranin, jiġġedded taħt għamla aħjar u jissewwa darba għal dejjem. Imma jekk irridu li 'l quddiem ma jibdlilniex milli nagħmlu l-lum, jeħtiġilna noqogħdu attenti wisq qabel ma ħaġa ngħadduha bħala ħażina jew ma tiswiex għaż-żminijiet li ġejjin. Għax, wara kollox, jista' jkun li mhux għax il-ħaġa nfisha tkun ħażina imma l-ġibdiet u x-xejriet taż-żmien li għaddejjin issa minnhom huma ħżiena.*

*Il-lum hawn xejra biex iqisu s-siwi tal-ħaġa mill-flus li ġġib jew li tqalla'. Xi nies xejn ma joqogħdu jġibu quddiem għajnejhom li ħaġa tista' ma jkollha ebda siwi ta' flus, imma l-fejda li tnissel fil-moħħ, fid-dehen u fil-għerf tal-bniedem huma bla tarf. Il-lum naħsbu aktarx għall-ħtiġiet tal-ġisem biss u qajla niftakru li l-bniedem barra l-ġisem huwa mogħni b'għotjiet oħrajn, għotjiet li jgħolluh 'il fuq u jifirduh mill-annimali; u għalkemm wieħed iseħħlu jikseb biex iwieti u jserraħ lil ġismu, jekk joftom iddehen u l-moħħ mill-ħtiġiet u l-għajxien tagħhom, jibqa' qisu wieħed għani msakkar f'kamra mimlija flus iżda bla ma jkollu biex jitrejjaq.*

*Minn hawn ġej li fid-dinja, għalkemm hawn flus bir-radam, għalkemm hawn ikel l-aktar bnin, għalkemm hawn ġid bla qies, il-bnedmin ma jgħixux kuntenti; għax dawn kollha ħwejjeġ li jiswew għall-ġisem imma li ma għandhom l-ebda effett fuq issentimenti għoljin. Għalhekk fost dan il-ġid kollu l-bnedmin qatt ma jiftiehmu bejniethom u ma jħossux dak il-faraġ u dak il-hena*

*li jitnisslu mis-sentimenti għoljin tagħhom, dawk is-sentimenti li jgħollu l-bniedem 'il fuq mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja u jgħaqqduhom flimkien f'xirka ta' hena u ta' mħabba.*

*Għalhekk nixtiequ li qabel ma naqtgħu fuq ħwejjeġ li jmissu l-ħajja tagħna fix-xejriet l-aktar għoljin tagħha, imissna nistħarrġu sewwa u niżnu u nqisu tajjeb u naħsbu għal darba tnejn x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi fiż-żmien li ġej.*

*Il-lum hawn xi wħud li jridu jagħtu sura ġdida lill-edukazzjoni ta' pajjiżna u aħna naqblu magħhom kieku nistgħu nibqgħu żguri li din is-sura l-ġdida tkun ta' ġid lil uliedna u lil ulied uliedna. Imma ma nixtiqux li 'l quddiem jibdielna u allura għandu mnejn ikun tard wisq biex insewwu l-ħsara li tkun ġrat.*

*Il-lum issib min irid igħallem lit-tfal mhux bil-fehma li jiftħilhom moħħom għas-sewwa u jdarrihom jaħsbu, jimxu u jġibu ruħhom ta' rġiel u ta' Maltin dejjem, f'kollox u kullimkien, imma tisma' lil dawn ix-xi wħud iħanbqu li jridu jgħallmu lil uliedna biex dawn jistgħu jaqilgħu l-flus, donnhom fil-ħajja talbnedmin ma jeżiżtux ħlief il-flus, donnu l-bniedem la darba jaqla' x'jiekol ma jkun jonqsu xejn aktar, donnu li l-bniedem ma għandux jitgħallem biex itaffi dik ix-xenqa li dlonk iħoss għal kull ma hu tajjeb, għal kull ma hu sabiħ, imqar dak it-tajjeb u s-sabiħ ma jinxtarax bil-flus. Aħna ngħidu, u magħna kulħadd għandu jaqbel, li l-flus u l-għana ma jnisslux hena u faraġ filħajja tal-bniedem kif ukoll ma jisweqx biex irabbu rġiel sewwa u tal-ġieħ.*

*Il-kerha hi li dawn in-nies iridu jaslu għat-tir ta' moħħom billi jinqdew biċ-ċokon tagħna. Igħidulek: "Il-poplu Malti hu żgħir, ilsienu hu żgħir bħalu. Dan l-ilsien x'jiswielna? Għalfejn noqogħdu naħlu ż-żmien nitgħallmuh?" Xejn ma jqisu illi ma' dak l-ilsien huma marbutin l-istorja, il-qalb u r-ruħ ta' Malta u din il-Gżira tibqa' Maltija sakemm jibqa' dan l-ilsien tagħha, imma hija tinbala' u tintilef fid-dagħbien tan-nazzjonijiet mitlufa malli hija titlef l-ilsien tagħha.*

*Imma barra dan hemm raġuni oħra għaliex il-Malti ma jmissniex inwarrbuh mill-edukazzjoni tagħna; il-lum kull min tħarreġ fis-sengħa tat-tagħlim jaf li l-ilsien nazzjonali huwa l-aqwa u l-aħjar mezz biex bih iż-żgħażagħ jiftħu moħħom għall-ġmiel tal-kitba u jitħarrġu fil-għerf. Is-Sur E. B. Vella, wieħed millaħjar surmastrijiet li għandna fil-Gżira, dan l-aħħar kiteb arti-*

*kolu bil-għaqal fit-*Teachers' Magazine, *u mbagħad ħarġu fi ktejjeb għalih. Dan il-ktejjeb li jiswa mitqlu deheb, isemmi fuq it-tagħlim ta' l-Ingliż fl-iskejjel tagħna, fih l-awtur jifli bir-reqqa dak kollu li jeħtieġ biex uliedna jitgħallmu bl-Ingliż tajjeb u jitħarrġu sewwa f'dak l-ilsien, u wara li jgħarbel kollox hu jsib li t-tagħlim ta' lsienna jisfa' ta' għajnuna kbira biex wieħed jaqbad ilsna barranin* (... a fair grounding of the mother-tongue will, as a rule, serve as a powerful agent in the acquisition of a foreign language). *Ara kemm hu hekk li l-aħjar kittieba bil-Malti aktarx issibhom jinqalgħu ħafna wkoll fl-ilsna barranin; u dan hu ċar daqs id-dawl tax-xemx għax il-ħajra għat-tagħlim tinbet fil-moħħ tari tat-tfal żgħar meta ma jkunux jifhmu ħlief b'ilsien art twelidhom.*

*Halli meta jikbru t-tfal jitgħallmu ilsna u għerf għax dawn jiswewlhom fit-triq tal-ħajja li jaqbdu, imma aħna ma rridux li din it-triq twassalhom biex jitilfu u jinsew lil nieshom jew biex jinfirdu minn art twelidhom. Aħna nifirħu u nħossuna kburin meta wlied Malta jgħaddu 'l quddiem u jagħmlu isem fost il-barranin, imma qalbna tingħafas jekk nies bħal dawn jinfatmu minn art twelidhom jew jekk, kif xi drabi jiġri, huma jistħu jistqarru lil pajjiżhom. Xejn ma jiswa daqs l-ilsien Malti biex ma jħallix jitwettaq għajb bħal dan, għax meta Malti jitgħallem ilsien art twelidu, hu jkun qiegħed ixettel f'moħħu u jaħżen f'qalbu ħrara u mħabba għal din il-Gżira tagħna, għall-istorja tagħha, għall-ġrajja tal-għaġeb li twettqu fiha, għall-ġmiel, għall-benna, għall-ħlewwa li Alla żejjinha bihom, għan-nies li jgħixu fiha.*

*Hekk it-tagħlim tal-Malti jiswa mhux biss biex jiftaħ moħħ it-tfal Maltin għall-ġmiel u għall-għerf, iżda wkoll biex irabbihom irġiel sewwa u kif imiss, iħajjarhom għal ħidma ta' fejda u ta' ġieħ u jagħmilhom ċittadini u patrijotti safja u qalbenin.*